# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Marzu 2023**

**Kawza Numru: 6**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 638/2021 JVC**

**Graziella Attard (KI 484981 (M))**

**vs**

**Avukat tal-Istat,**
**l-Avukat Generali u**
**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Graziella Attard premettiet u talbet kif isegwi:

**‘Fatti**

Illi fil-lejl bejn l-erbgha (4) u l-hamsa (5) ta' Novembru, tas-sena elfejn u erbgha (2004), ir-rikorrenti flimkien ma’ persuna ohra ta' nazzjonalita barranija, twaqqfu gewwa s-seaport, fejn wara li saret tfittixijiet f’vettura tat-tip Peugeot 307, targata MZU-77, u fir-residenza taghha gewwa l-Fgura, l-Pulizija elevaw sustanza suspettata droga;

Illi ssusegwentement, ossia nhar is-sitta (6) ta' Novembru ta' l-istess sena, u cioe elfejn u erbgha (2004), r-rikorrenti tressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati, akkuzata fost ohrajn b'reati marbutin mal-assocjazzjoni, importazzjoni u traffikar tad-Droga fejn eventwalment, wara, inharget Att t'Akkuza Numru 10/2007 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta’ Malta vs omissis u Graziella Attard;

**Preliminari**

Illi r-rikorrenti qed tressaq lanjanzi ta' natura kostituzzjonali, bbazata fuq in-nuqqas ta' akkreditament tal-laboratorju fejn giet annalizzata s-sustanza suspettata droga u fuq il-fatt illi l-ispizjar li analizza d-droga, x'aktarx illi wkoll ma kienx akkreditat huwa personalment;

**L-Ilment Kostituzzjonali.**

**A. Analizzar tas-Sustanza Suspettata Droga f'Laboratorju mhux Akkreditat**

1. Illi preliminarjament, ssir referenza ghad-depozizzjoni tal-

Ispizjar Mario Mifsud, li tinsab a Fol 185 et seq tal-atti processwali, fejn waqt id-Depozizzjoni tieghu, moghtija nhar it-tlettax (13) ta' Mejju, tas-sena elfejn u hamsa (2005), ipprezenta r-relazzjoni tieghu li tikkonsisti f'zewg volumi u dan dwar l-analizi ta' l-allegat sejba ta' sustanzi suspettati drogi tal-abbuzz fis-Sea Passenger Terminal, Pinto Wharf, Valletta u fil-Fgura, nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgha (2004);

2. Illi jigi rilevat illi fiz-zmien meta giet analizzata d-droga in kwistjoni, (u ta' min jissotolinea illi s-sitwazzjoni ghadha hekk sal-gurnata tal-lum), l-laboratorju fejn sar l-analizi tad-droga ma kienx laboratorju akkreditat. Di piu, l-analizi saret minn Spizjar illi x'aktarx fiz-zmien tal-kaz lanqas ma kellu accreditation specifika huwa personalment, sabiex jezegwixxi dawn l-istess testijiet;

3. Illi dawn il-fatturi huma ta' perikolu kbir u dan peress illi l-analizi tas-sustanza, specjalment meta hija determinanti fi proceduri bhal ma se tkun mistennija taffacja r-rikorrenti, (fejn il-piena li jgorru r-reati adebitati lilha huma dawk ta' -ghomor), ghandu certament jkun garantit b'rizultanzi certi, inekwivoci u facilment verifikabbli;

4. Ghandu jigi mfakkar li l-analizi li huwa mistenni li jaghmel l-Farmacista hija fattur determinanti stante li tehtieg hila u sengha specjali u kwindi kollox jdur fuq u madwar l-opinjoni u l-konkluzzjonijiet tieghu - liema opinjoni skond l-ordinament guridiku nostran, ma huwiex permessibbli li r-rikorrenti odjern jirribatti permezz ta' esperti tieghu a kuntrarju ta' dak li jigri f'gurisdizzjonijiet ohra;

5. Illi ghalhekk dan il-process ta' akkreditament doppju, huwa assolutament ecessarju stante illi b'dan il-mezz biss jista johloq

serhan tal-mohh, kemm ghal min qieghed jiggudika u kemm ghal l-akkuzat, u cioe illi l-process shih konsistenti fost ohrajn fi gbir, analizi, t-testijiet, u l-proceduri ohra kollha illi saru fuq is-sustanza allegatament droga, gew ezegwiti b'mod tajjeb, korett, preciz u professjonali.

6. Illi dan ma' jista qatt isir f'labaratorju illi mhux akkreditat;

7. Illi dan ma jista' qatt isir min persuna mhux akkreditata;

8. Illi l-kriterji u l-standards illi jezistu, u li anke johorgu mill-istandards Ewropej kif ser jigi spjegat aktar l'isfel ma nafux jekk gewx segwiti u jekk gewx implimentati, u dan stante illi ma hemm xejn dokumentat fir-rapport, f'dan ir-rigward, u anqas ma hemm dokumentat xi tip ta' certifikazzjoni illi turi illi tali laboratorju fejn giet analizzata d-droga kien akkreditat, anzi fil-verita' la kien u lanqas s'issa ma ghadu akkreditat;

9. Illi fil-verita' l-analizzar tad-droga minn Spizjar li x'aktarx mhux akkreditat, gewwa laboratorju mhux akkreditat jfisser illi mhumiex qed jigu segwiti l-Standards, anke dawk Ewropej ta' kif ghandu jsir l-analizzar tas-sustanza, senjatament kif ghandu jsir l-ezami tad-droga, l-istrumenti kif ghandhom jigu kkalibrati, u l-ambjent ta' fejn qedha isir l-analizi, fost fatturi ohra, kollha jwasslu biex jinholoq dubju serjissimu fuq l-istess ezami tad-droga u eventwalment tar-rapport tal-istess Spizjar.

10. Illi l-analizi tas-sustanza ghandha mpatt qawwi fil-proceduri u dan minkejja li la r-rikorrenti u lanqas il-Gudikant [sia togat u sia le] ma jista' QATT ikollhom s-serhan tal-mohh illi tali ezamijiet saru, u jekk saru, li saru kif rikjest. Fil-fatt la fix-xhieda tieghu u lanqas fir-rapport tal-iSpizjar minnu pprezentat ma hemm l-ebda

tip ta' certifikat/dokumentazzjoni illi juri illi tali analizzar gie akkreditat minn istituzzjoni barranija;

11. Illi l-process ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju jinvolvi assessjar intensiv tal-kompetenza teknika o meno tal-laboratorju u cioe jekk dak il-laboratorju ghandux il-kompetenza sufficjenti li jaghmel testijiet specifici.

12. Illi dan l-assessjar jinkludi process twil ta' dokumentazzjoni li jinvolvi l-kwalifiki ta' min jahdem fil-laboratorju u kif jinzamm il-laboratorju partikolari. Minn barra dan it-tip ta' assessjar, jigu analizzati ukoll diversi fatturi bhal l-imparzzjalita, kunfidenzzjalita' tal-informazzjoni u anke ir-rizorsi tal-laboratorju inkluz min jahdem fil-laboratroju. Analizzar jinkludi wkoll on site inspection sabiex jigi assesjat l-apparat li jintuza u kif jintuza. Dan iwassal sabiex jigi analizzat jekk il-laboratorju hux kapaci jipproduci rizultati affidabli.

13. Illi ghalhekk l-akkreditazzjoni ta' laboratorju huwa process tekniku sabiex jiccertifika li laboratorju jipproduci rizultati affidabli u li wiehed jista' jistrieh ruhhom bhala evidenza u fin-nuqqas tali evidenza m'ghandiex tkun ammissibbli ghax tikser d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.

14. Fin-nuqqas ta' dan l-process tekniku t'akkreditazzjoni, l-evidenza in kwistjoni m'ghandiex titpogga ghal kunsiderazzjoni ta' min ghandu jiggudika dwar l-fatti li m'ghandux mezz kif jaghmel l-iskrutinju xjentifiku li jsir fil-process t'akkreditazzjoni!

15. Illi permezz ta' Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru 2009 bl-isem ta' on Accreditation of Forensic Service providers carrying out Laboratory Activities u

Regulation [EC] No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products datata 9 ta' Lulju 2008 l-Istati Membri gew mitluba illi r-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati fi Stat Membru wiehed jigu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli ghall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bhala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensici akkreditati ghall-EN ISO/IEC 17025 fi hdan kwalunkwe Stat Membru iehor. Illi dan l-ghan jinkiseb billi jigi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

16. Illi l-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u tinsab implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji datata 29 ta' Marzu 2016.

17. Illi jigi rilevat illi fornituri ta' servizzi forensici jistghu jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jekk jigu akkreditati mill-korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025 li huwa mekkanizmu li jghin u li jistabbilixxi jekk laboratorji forensici jistghux joperaw b'mod kompetenti u jiggenerawx rizultati kredibbli u attendibbli u dan sabiex jippromwovi kunfidenza fix-xoghol maghmul fl-istess Laboratorji fl-istati membri.

18. Illi jigi rilevat ulterjorment illi fil-kaz odjern id-droga misjuba giet analizzata minn l-Spizjar f'laboratorju illi dak iz-

zmien ma kienx akkreditat u allura l-analizzar tal-istess droga f'laboratorju mhux akkreditat u dan ai termini ta' standards kemm barranin kif ukoll lokali senjatament standards li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 1/025, iwassal ghan-nuqqasijiet u pregudizzji kbar ghall-esponenti u jiksru d-drittijiet fundamentali tal-istess esponent stante in-nuqqas ta' konformita ma' tali standards u li in turn b'hekk jiksru d-Dritt ta' smiegh xieraq tar-rikorrenti.

19. Illi n-nuqqas ta' akkreditament tal-Labortarju hawn imsemmi ma jwassalx ghas-serhan tal-mohh fl-esponenti illi l-analizzar, il-gbir u r-rizultanzi miksuba mill-istess Spizjar huma konformi mal-Ligi anzi l-istess analizzar, gbir u r-rizultanzi miksuba jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti u dan peress illi mhumiex konformi kemm mal-Ligi Sussidjarja kif ukoll mal-Ligi Ewropea.

20. Illi fil-fatt il-Kummissjoni Ewropea tghid hekk dwar l-akkreditament ta' laboratorji:

Organisations can undergo two different sorts of third-party assessment:

- in certification, the external assessment body confirms that the organisation is in compliance with its procedures, whereas,
- in accreditation, the external assessment body confirms that the organization is competent to perform certain tasks.

This means, certification (for example to ISO 9001) checks whether the paperwork is in order and whether the procedures are followed, but not whe ther the procedures are adequate to achieve a good result. Accreditation, however, is a confirmation that

following of specified procedures actually delivers a useful product (e.g. measurements or reference materials)

For this reason, laboratories are accredited (according to ISO/IEC 17025) for performing certain analyses, as the crucial factor for the customer is the competence of the laboratory. In the same spirit, laboratories care about the competence of the producer of their reference materials and the quality of such materials. Therefore, accretditation and not certification is the proper third-party assessment for reference material producers.

The equivalent of ISO/IlEC 17025 for reference material producers is ISO Guide 34 "General requirements for the competence of reference material producers" The fact that it is a guide and not a standard as the ISO Committee on Reference Materials - ISO/REMCO - can only issue guides and not standards. The structure and wording of ISO Guide 34 largely corresponds to ISO/IEC 17025 and it was voted in exactly the same way as any ISO standards. Besides organisational issues, this standard describes the requirements of all steps in reference material production, from project planning processing, homogeneity and stability assessment to characterisation, value assignment and post-certification stability monitoring and advisory service.

There are several advantages for users when purchasing reference materials from accredited reference material producers:

- users have the guarantee that the materials have been produced according to technically valid and internationally recognised principles;
- as accreditation will not be granted to producers which make only one reference material, users have the guarantee

that the material is not a one-off product but comes from a producer with considerable experience in this field that has produced similar materials before;

- regular audits which are part of the accreditation procedure and surveillance of an accredited RM producer guarantee that the production of the reference materials follows the documented and validated technical procedures.

All these factors should increase the confidence of users in their reference materials, even if they come from a producer with whom the customer does not have any experience yet.

The first laboratory world-wide to achieve accreditation to ISO Guide 34 was the Australian National Analytical Reference Laboratory, which received its accreditation certificate in 2000. In 2004, the Reference Materials Unit of JRC became the first organisation in Europe to be accredited to ISO Guide 34 for the production of reference material (accreditation by the Belgian Accreditation body BELAC, file number BELAC 268-RM). Regular surveillance audits confirm that the quality standard has been kept since then.

21. Illi jigi rilevat illi anke f'sistemi barrani f'diversi sentenzi r-rapporti tal-laboratorji gew ikkritikati u dan minhabba *the laboratory report itself raises additional reliability concerns, mainly because of what it does not say. Typically, the report contains only the expert's conclusions, For instance, in a controlled substance prosecution the report may state only that the examined substance was "heroin."* Other critical information is not disclosed [Paul C. Giannelli, The Admissibility of Laboratory Reports in Criminal Trials: The Reliability of Scientific Proof].

22. Illi jkun opportun illi ssir wkoll referenza ghal gurisprudenza ta' Qrati barranin, fost l-ohrajn:

***United States v. Davis, 14 M.J. 847,848 n.3 (A.C.M.R, 1982)***

*Since most laboratory reports only state general conclusions, they may be given far more significance in court than they rightfully deserve. Inquiry during examination of the chemist may reveal the possibility of laboratory error due to the carelessness of the chemist sharing a limited area with others and due to the large number of samples being tested. The defense may further wish to ask what other substances were in the sample and how these would affect a true test reaction.*

**United States v. Ware, 247 F.2d 698, 701 (7th Cir. 1957) (concurring opinion)**

[T]he defendant at trial was helpless because he had no way to determine whether proper methods of analysis were used and were free from error in their execution. ")

23. **Konkluzzjoni fuq dan il-Punt.**

Illi ghaldaqstant stante illi l-Laboratorju fejn giet analizzata d-droga imsemmija ma kienx akkreditat u dan ai termini kemm tal-Legislazzjonni u ta' *standards* barranin, tezisti nullita fil-proceduri odjerni stante ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Illi ghaldaqstant jezisti ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

**<u>Talbiet.</u>**

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti umilment u bir-ripsett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

I. **<u>TIDDIKJARA</u>** illi minhabba l-fatt illi l-laboratorju fejn giet analizata d-droga misjuba, mhux akkreditat, gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta u kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

II. **<u>TAKKORDA</u>** dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi;'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija li taqra kif isegwi:

*'Eċċezzjoni preliminari*

1. Illi <u>preliminarjament</u>, l-ilment tar-rikorrenti kellu jitressaq permezz ta' rikors quddiem il-Qorti appożita jiġifieri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jekk ir-rikorrenti kellha xi dubju dwar l-ispiżjar imqabbad bħala espert mill-Maġistrat Dennis Montebello u dwar il-laboratorju fejn ġiet analizzata s-sustanza in kwistjoni – u żgur li mhux wara t-trapass ta' dan iż-żmien kollu (mill-2004 sal-lum għaddew sbatax-il sena). Dan ifisser allura li dawn il-proċeduri huma intempestivi għaliex <u>ir-rikorrenti ma eżawrixxietx ir-rimedji ordinarji qabel ma ntavolat din il-kawża kostituzzjonali speċjali</u>. L-esponenti jenfasizzaw li proċeduri kostituzzjonali ma

jistgħux jieħdu post il-proċeduri ordinarji li għandhom dejjem jiġu utilizzati l-ewwel u qabel kollox;

2. Illi <u>in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu preċedenti</u>, irid jingħad li l-*Council Framework decision 2009/905/JHA* li ġiet implimentata fil-Liġi Maltija permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.13 u fuq liema Ordni r-rikorrenti qed tibbaża l-kawża tagħha, **mhix applikabbli** għall-każ in kwistjoni, kif hemm miktub iswed fuq l-abjad permezz tal-artikolu 3 ta' tali Ordni:

*"3. Dan l-Ordni jimplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/905/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar l-Akkreditament tal-Fornituri ta' Servizzi Forensiċi li jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji u għandu japplika għal attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi:*
***(a) profil tad-DNA; u***
***(b) data dattiloskopika."***

2.1 Dan ġie kkonfermat ukoll riċentement fil-każ <u>Christopher Bartolo vs Avukat tal-Istat</u> deċiż minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta nhar it-22 ta' Ġunju 2021;

3. In <u>linea preliminari wkoll u mingħajr preġudizzju għall-paragrafi ta' qabel</u>, l-esponenti jqisu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija għal kollox intempestiva. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrenti sejra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ taghha. F'dan il-kuntest huwa stabbilit li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-

Kostituzzjoni, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' tiegħu. Allura l-ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrenti jista' jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż u żgur li mhux f'dan l-istadju;

4. Għalhekk, fid-dawl ta' dawn l-eċċezzjonijiet preliminari, l-esponenti umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat tagħha u dan skont id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319;

*Eċċezzjonijiet fil-mertu*

5. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari, jekk din l-Onorabbli Qorti tara li xorta waħda hemm lok li tidħol fil-mertu ta' dan il-każ sabiex tasal għad-deċiżjoni aħħarija tagħha, l-esponenti jiddikjaraw li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

6. Illi għandu jiġi enfasizzat li hija prerogattiva tal-Maġistrat lil min iqabbad bħala esperti sabiex jgħinuh fl-inkjesta maġisterjali;

7. Illi kif ser jiġi muri aħjar waqt l-iter ta' din il-kawża, l-espert forensiku mqabbad mill-Qorti tal-Maġistrati huwa spiżjar serju, ta' esperjenza kbira u kkwalifikat immens u xhieda ta' dan huma r-rapporti dettaljati sottomessi fil-proċeduri kriminali msemmija fir-rikors promotur;

8. Illi ta' min jgħid ukoll, li l-persuna l-oħra li tressqet flimkien mar-rikorrenti, instab ħati, skonta s-sentenza li nqatgħet kontrih u issa ħareġ mill-ħabs u qed ikompli b'ħajtu. Wieħed ma jridx jinsa li anke mingħajr ma jsiru ebda testijiet, il-fatt biss li s-sustanzi mertu ta' dan il-każ instabu moħbija fid-dahar tas-*seats* tal-karozza, turi li dawn is-sustanzi kienu llegali u għalhekk kien hemm bżonn li jiġu moħbija sewwa;

9. Illi peress li l-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 mhix applikabbli għall-każ odjern u peress li r-rikorrenti qed jibbażaw il-kawża preżenti unikament fuq il-fatt li l-akkreditazzjoni msemmija f'tali Ordni ma ġietx segwita, dan juri b'mod ċar li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq;

10. Illi jibqa' l-fatt li jekk ir-rikorrenti qieset li dawk is-sustanzi ma kinux kif stabbilit mill-espert, għadha fiċ-ċans li ġġib prova kontra għaliex il-proċeduri kriminali kontriha għadhom ma ġewx konklużi;

11. Fi kwalunkwe każ, jinkombi fuq ir-rikorrenti li turi b'liema mod u manjiera d-dritt tagħha għal smigħ xieraq allegatament ġie miksur.

12. Fid-dawl ta' dak li ntqal sa issa, għandu jirriżulta biċ-ċar li r-rikorrenti ma hija ntitolata għall-ebda rimedju għaliex id-drittijiet fundamentali tagħha ma ġew bl-ebda mod mittiefsa;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad il-pretensjonijiet kollha kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-

rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fondamentali u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal datat 26 ta' Mejju 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet li jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet prezentati fl-atti.

**Il-Qorti tirrileva li fl-atti nnutat li sar zball fil-fol numri fejn wara l-fol. 44 ssir qabza ghal fol. 126 il-quddiem ghalkemm effettivament id-dokumentazzjoni ssegwi b'dana li ma jirrizultax li hemm xi atti nieqsa fl-atti.**

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-ilment kostituzzjonali odjern ir-rikorrenti Graziella Attard tilmenta li fil-proceduri kriminali pendenti fil-konfront taghha, l-allegata nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn giet annalizzata s-sustanza suspettata droga u wkoll l-allegat nuqqas ta' akkreditazzjoni tal-ispizjar Dr. Mario Mifsud jwasslu ghan-nullita' tal-proceduri b'konsegwenti allegat ksur tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenjzoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li lura f'Novembru 2004 r-rikorrenti giet arrestata u akkuzata b'reati marbuta mal-assocjazzjoni, importazzjoni u traffikar tad-Droga wara li fil-vettura li kienet fiha

u wkoll fir-residenza taghha nstabu sustanzi suspettati droga. Hija kienet arrestata ma' persuna ohra.

L-ilment tar-rikorrenti fl-atti odjerni huwa pjuttost wiehed semplici fejn hija ssostni li la darba l-laboratorju fejn saru t-testijiet fuq is-sustanza sabiex din tigi konfermata li kienet tikkonsisti fi droga u l-ispizjar Mario Mifsud li wettaq l-istess analizi ma kienux skont ir-rikorrenti debitament akkreditati skont il-ligi, allura tallega li permezz ta' dan il-process qed jigi lez id-drit fundamentali taghha ghal smiegh xieraq.

Illi in sostenn tat-tezi taghha r-rikorrenti taghmel referenza ghall-Council Framework Decision 2009/905/JHA datata 30 ta' Novembru, 2009 bl-isem ta' '*on Accreditation of Forensic Service providers carrying out Laboratory Activities*' u wkoll ghar-'*Regulation (EC) No 765/2008 of the European Parliament and the Council setting out the requirements for accreditation and market surveillance relating to the marketing of products*' datata 9 ta' Lulju, 2008. Ir-rikorrenti zzid li l-Council Framework Decision 2009/905/JHA giet trasposta hawn Malta u giet implimentata fil-Ligi Maltija permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 bl-isem ta' 'Ordni dwar l-Akkreditament ta' Fornituri ta' Servizzi Forensici li jwettqu attivitajiet tal-Laboratorji' datata 29 ta' Marzu 2016.

L-intimati da parti taghhom iqajmu fl-ewwel lok diversi eccezzjonijiet preliminari dwar intempestivita' tal-procedura ghar-raguni li r-rikorrenti setghet tqajjem u ghadha fic-cans li tqajjem l-ilmenti taghha fir-rigward tal-akkreditazzjoni jew nuqqas taghha quddiem il-Qorti Kriminali w'ghalhekk isostnu li ma ezawrietx ir-rimedji kollha, li l-*Council Framework decision* 2009/905/JHA kif implimentata permezz tal-Legislazjoni Sussidjarja 460.13 mhix applikabbli ghall-akkreditazjoni tal-Laboratorju dwar Droga izda

biss fuq a) profil tad-DNA u b) Data dattiloskopika. Jeccepixxu wkoll l-intempestivita' stante l-fatt li l-proceduri kriminali ghadhom mhux konkluzi b'dana li l-allegat ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq ghandu jigi analizzat fil-konfront ta' procedura shiha u mhux biss *in parte*.

Fil-mertu l-intimati jeccepixxu li hija prerogattiva tal-Magistrati min jitqabbad bhala espert, li l-espert effettivament nominat huwa ben kwalifikat u ghandu esperjenza twila f'dan ix-xoghol, li l-persuna l-ohra akkuzata bl-istess reat nstab hati, li finalment il-bazi tal-ilment tar-rikorrenti huwa monk stante li l-bazi legali msemmija cioe' l-legislazzjoi Sussidjarja 460.31 ma tikkoncernax l-akkreditazzjoni ta' Laboratorji fuq analizi ta' droga, li r-rikorrenti ghadha fic-cans li jekk trid iggib prova kuntrarja ghall-konkluzjonijiet tal-espert fl-atti kriminali fil-konfront taghha u li ma sehh l-ebda ksur tal-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq tar-rikorrenti.

**Provi:-**

Illi fil-mertu l-Qorti tqis li x-xhieda l-aktar saljenti fil-proceduri odjerni kienet dik tal-istess Spizjar Dr. Mario Mifsud li fil-partijiet saljenti taghha sostna kif isegwi:

*'Jiena bhala espert forensiku ghamilt hamsa u tletin sena, bhala espert forensiku u l-iktar li hdimt fuq drogi tal-abbuz, bhala training ghandi d-dottorat fuq drogi tal-abbuz minn King's College London, training hadt fil-Gendarmerie Franza, Netherlands Forensic Institute u dort hafna laboratorji fl-Ewropa fejn jidhlu d-drogi tal-abbuz sahansitra mal-United Nations Office for Drugs and Crime. Jigifieri f'dawn il-hamsa u tletin sena, kelli din l-exposure kollha fejn jidhlu drogi tal-abbuz. .*

*… Jiena kont nigi mahtur mill-Magistrat Inkwirenti fil-kazi li kien ikun hemm rigward id-drogi tal-abbuz. . . .*

*. . . Il-laboratorju tieghi, jien kont nahdem fil-laboratorju tal-istat, jigifieri l-Malta National Lab, bhala laboratorju, l-ewwel kont mal-pulizija, fit-2001 gie trasferit mal-*

*Malta National Lab jigifieri l-laboratorju taghna kien il-laboratorju tal-istat, dik hija primarja. Il-kaz kien sar fit-2004. Fit-2007 proprja beda in-national accreditation board, jigifieri fit-2004 ma kellna l-ebda forma ta' akkreditazzjoni fil-pajjiz. Kwindi li kont naghmel jiena f'dak il-perjodu, kont inzomm ruhi aggornat ma' pajjizi ohrajn, ma' Franza, mal-laboratorju tal-United Nations Office for Drugs and Crime u r-raguni kienet li l-United Office for Drugs and Crime, dan il-laboratorju, kellhom laboratorju fejn huma kienu jaghtu struzzjonijiet lil pajjizi kif isiru testijiet. Allura ahna bhala laboratorju, anki jiena personali, mort hemm ukoll, konna naghmlu kollaborazzjoni maghhom biex niffolowjaw l-istruttura u l-metodu taghhom ta' kif isiru t-testijiet tal-analizi. Ghalkemm jigifieri f'dak il-perjodu Malta lanqas kellha bord tal-akkreditazzjoni, ahna konna nzommu dawn il-kuntatti ma' pajjizi ewropej, sahansitra mal-Gnus Maghquda. . . .*

*. . .Dak iz-zmien ma kienx hawn ghax fit-2004 ma kienx hawn lanqas il-bord ghax inti biex ikollok laboratorju akkreditat, bilfors ikollok il-bord xi hadd jakkreditak, audit, jaghmel it-tip ta' audit, ma kellniex, kienet ghadha ma dahlitx dik is-sistema. Dahlet bil-legal notice tat-2007 tal-NAB, national accreditation board, jigifieri jekk nitkellmu fuq l-accreditation 2004 ma nistghux nitkellmu fuqha ghax ma kinitx tezisti struttura biex jaraw li dawn l-affarijiet isiru.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Ma setax ikollok laboratorju akkreditat.*

*Xhud: Le ma jistax ikollok at that period of time. . .*

*. . .Le li gara kien, jien kont nahdem fil-bidu mal-laboratorju tal-pulizija, li kellhom il-forensic lab. . . .*

*. . . Qabel dan il-kaz. Dan il-laboratorju tal-pulizija gie transferred lil Malta National Lab li kien allura struttura governattiva. Gejna transferred hemm. Jigifieri ssussidjat mill-gvern, il-laboratorju l-flus tieghu kienu gejjin mill-gvern, apparat, kimici, kien kollox gej mill-gvern.*

*Qorti: U inti kont impjegat mal-gvern dak iz-zmien?*

*Xhud: Mal-gvern dazgur ezatt.*

*Qorti: Imma f'dawn il-kazijiet partikulari meta inti kont tkun nominat bhala espert imbaghad, kont qed tagixxi bhala impjegat tal-gvern jew separatament?*

*Xhud: Kont nigi appuntat personalment imma l-Qorti kien ikun jaf li qed nuza l-istruttura u l-apparat tal-gvern.*

*Qorti: Biex taghmel l-ezamijiet tieghek?*

*Xhud: Biex naghmel l-ezamijiet.*

*Qorti: Imma kont tithallas separatament imbaghad?*

*Xhud: Le kont nithallas mill-gvern, bil-paga, jigifieri jiena kont nahdem, jigifieri jien ma kellix extra remuneration fuq ix-xoghol li kont naghmel il-qorti, li kienet il-paga tal-gvern biss.*

*Qorti: Jigifieri mhux talli tirrelata tithallas mill-qorti?*

*Xhud: Le, le kont nithallas direttament mill-gvern ghax kont qed nuza l-istruttura tal-gvern, laboratorju tal-gvern.*

*Qorti: Jigifieri kien isir fl-ambitu ta' xogholok bhala impjegat tal-gvern?*

*Xhud: Ezattament.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Biex ix-xoghol ikun iktar kredibbli u attendibli skont standards internazzjonali, jigifieri x'kont taghmel erga' spjegalna ftit?*

*Xhud: Issa fejn jidhlu dawn l-affarijiet, ahna xi prekawzjoni konna niehdu? Konna ngibu certified samples, jigifieri jekk jiena se naghmel comparison ma' droga eroina, kont ingib drogi certifikati jew sahansita mill-UNODC, mill-united nations office for drugs and crime, kienet tibghathomna jew nixtruhom. Dawk jibghatulek kontrolli nghidulhom jew inkella sahansitra tixtrihom, ikunu certified samples biex inti tkun tista' taghmel comparison, jigifieri dawn it-tipo ta' kontrolli kienu jsiru. Konna naghmlu wkoll proficiency testing. Qed nghid konna ghax issa llum irtirajt jien, spiccajt. . . . .*

*. . . Konna tnejn nahdmu fih, ma konniex xi hafna imma jigifieri tnejn konna u allura konna naghmlu dawn it-tip ta' proficiency testing jghidulhom fejn ahna jibghatulna unknown sample u rridu nqabblu fuqu, naraw jekk naslux ghal dak li jkun, jigifieri ahna konna naghmlu kontrolli fuqna nnifisna.*

*Qorti: Is-samples, jigifieri bhala trail, jigifieri jiena bhala Qorti kif nista' nivverifika li s-sample li inti ezaminajt hija dik li nstabet fuq Graziella Attard, x'kontu tiehdu?*

*Xhud: Ghaliex li kien jigri, ahna mhux nahdmu wahedna in isolation, il-pulizija ghandha scene of crime officers. Mela is-scene of the crime officer johorgu fuq ix-xena tar-reat, jigbru d-dokumenti, jghadduhom lilna u fir-rapport stess konna naghmlu what is called the submission form biex nuru c-chain of evidence tal-esebit, jigifieri dak kollox kien isir, minn fejn gie l-esebit, kif ghadda l-process kollu. Mela fir-rapport*

*li kont nipprezenta lil Qorti jien, hemm dan il-process kollu esegwit, jindika minn fejn gbart l-esebit, kif gie ghandi l-esebit, u kif ikkonkludejtu u li l-esebit finalment spicca ghand il-Qorti jigifieri dak ghandek il-process kollu fir-rapport.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Issa bhala konkluzzjonijiet tar-rapport, dawk il-konkluzzjonijiet finalment kienu opinjoni suggettiva tieghek jew kienet xi haga oggettiva?*

*Xhud: Issa fix-xjenza forensika dejjem tidhollok jew ghandek taqsimiet li huma suggettivi jigifieri thares lejhom u tghid isma' jixbah hekk jew isir hekk imma fejn tidhol l-analizi hija oggettiva ghax inti ghandek apparat, ghandek il-kimici u jrid ikollok riflessjoni ta' xi haga biex inti tghid li dak pozittiv, hekk qisek ghandek test kits, rajt colour change allura dik hija oggettiva ghax qed taraha, jekk mhux qed taraha tghid negattiv jew pozittiv skont kif tkun is-sistema. Jigifieri fejn jidhlu drogi hija hafna oggettiva, fil-fatt ahna jekk tara r-rapport, kont naghmel tliet tipi ta' analizi ghaliex, biex jekk ifalli wiehed ghandi iehor, one cross the other, ma kontx naghmel wiehed u noqghod fuq wiehed, imma jkolli tlieta. It-tliet tipi ta' testijiet biex allura iktar inkunu certi li r-rizultat qed ikun pozittiv jekk once li qed johrog pozittiv. Apparti ma' dan, konna nuzaw sahansitra l-kontroll, kontroll negattiv li ma jkun fih xejn u kontroll pozittiv li jkun kontroll certifikat gej mil-laboratorji. Konna ngibuhom dawn il-kontrolli mill-Amerka, jigifieri konna nixtru minghand, ditta Altec li tkun certifikata li jibghatulna kampjuni ta' droga partikulari skont xi tkun qed tanalizza biex inti tkun tista' taghmel comparison mieghu biex tghid isma' jien ghandi dan il-kontroll, naf li fih din is-sustanza u one across the other to check yourself u l-analizi li jkun ghaddej.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: U s-sustanzi li kien ikollok, fejn kont tittestjahom? Jigifieri mhux bhala laboratorju, jigifieri go xi magna, kif kont taghmel?*

*Xhud: Go magna, kien ikollna tliet tipi ta' affarijiet, kien ikollna colour testing fejn inti droga jew is-sustanza illi tkun titfalha kimika biex taghmel colour changes, konna nuzaw sistema ohra ta' thinner chromatography fejn tqatta' sustanza u tissepara biex tara l-komponimenti u sahansitra kellna apparat fejn titfa' s-sustanza u dan jisseparahielek u tigi in a form of a fingerprint, jigifieri d-droga titkisser f'partijiet li tkun specifika hi, qisu fingerprint pattern tas-sustanza.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: U jghidlek is-sustanza x'inhi fl-ahhar mill-ahhar?*

*Xhud: Ezattament ghax l-apparat fih innifsu hemm database fih li tiddetermina s-sustanzi x'inhuma jew is-sustanzi sahansitra xi jkun hemm fit-tahlit li jkun hemm fis-sustanza tad-droga.*

*Dr Fiorella Fenech Vella: Matul il-proceduri tar-rikorrenti, inti qatt gejt mitlub mill-akkuzati prova dwar l-akkreditazzjoni tal-laboratorju fejn kont tahdem inti?*

*Xhud: Jiena qatt ma gejt mitlub u lanqas stajt nigi mitlub ghax dak iz-zmien meta sar il-kaz lanqas kienet tezisti n-national accreditation board.*

*Qorti: Imma ma tafx jekk intlabtx titla' biex tispjega dan il-punt?*

*Xhud: Le qatt ma gejt mitlub li nispjega dan il-punt, qatt ma gejt mitlub.*

*Dr Francesca Zarb: Nghid sew illi meta inti qed tispjega dawn il-verifiki li kontu taghmlu u semmejtilna persuna ohra, dawn il-verifiki kienu jsiru bejnietkom hux hekk?*

*Xhud: Iva.*

*Dr Francesca Zarb: Ma kienx ikun hemm l-ebda terza persuna?*

*Xhud: Le.*

*Dr Francesca Zarb: U nghid sew ukoll illi f'dan il-kaz partikulari, inti ma ntlabtx minn l-ebda naha, anki wara li inti ezaminajt u tajt ir-rapport tieghek, illi terga' taghmel rapport simili?*

*Xhud: Le. . . .*

*. . . . Dr Fiorella Fenech Vella: Pero' naqblu illi l-kampjuni inti kont tibghathom barra, fuq dan il-kaz prezenti?*

*Qorti: Fil-kaz ta' Graziella Attard, il-kampjuni ntbaghtu barra?*

*Xhud: Le, le hawn Malta saru.*

*Qorti: Hawnhekk gew ezaminati?*

*Xhud: Iva.'*

Il-Qorti rat ukoll li fl-atti giet prezentata x-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud moghtija fl-atti kriminali fil-konfront tar-rikorrenti a fol. 141 et seq tal-process u fol. 185 et seq kif ukoll ir-rapporti tieghu dwar is-sustanza koncernata fejn gie konfermat is-suspett li s-sustanza relattiva kienet tikkonsisti f'sustanza illecita. Dawn ir-

rapporti jirrizultaw mahruga taht il-kappa u bl-awtorita' tal-'Laboratorju Nazzjonali ta' Malta Divizjoni Forensika'. Fir-rapport a fol. 188 et seq Dr. Mifsud jaghti spjegazzjoni dwar kif huwa gie nominat bhala espert fil-kaz, kif eleva jew giet f'idejh is-sustanza suspettata u wkoll jaghti spjegazzjoni dwar il-kontinwita' tal-evidenza in kwistjoni.

Il-Qorti rat ukoll ix-xhieda ta' **Claudio Boffa,** direttur fi hdan in-*National Accreditation Board* a fol. 126 et seq tal-process, li spjega li ghalkemm il-process ta' akkreditar ta' laboratorju seta' jkun li beda fis-sena 2002, fir-rigward ta' laboratorji akkreditati sabiex jezaminaw sustanzi suspettati droga dan dahal ferm aktar wara, diversi snin wara li tressqet b'arrest ir-rikorrenti odjerna anki ghaliex l-obbligu ta' akkreditazzjoni dahal permezz ta' Regolament Ewropew fis-sena 2008. Jixhed ukoll li sallum, cioe' fis-sena 2023 f'Malta, hawn biss laboratorju wiehed li huwa akkreditat b'dan il-mod u dan sehh diversi snin wara s-sena 2004. Jikkonferma fil-fatt a fol. 130 tal-process li fis-snin 2004 u 2005 hadd f'Malta ma kien akkreditat ghal dan il-ghan. Rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita minn dan ix-xhud a fol. 25 et seq tal-process.

Rat l-atti tal-process kriminali Att ta' Akkuza numru 10/2007 fil-konfront tar-rikorrenti a fol. 134 et seq tal-process fosthom ix-xhieda ta' l-ispizjar Dr. Mario Mifsud u r-rapporti kif gia suespost.

Rat a fol. 268 ix-xhieda tar-rikorrenti stess **Graziella Attard** li ma kinitx f'posizzjoni li tghid jekk fl-atti kriminali hija qattx ilmentat dwar il-kwalifiki jew akkreditazzjoni tal-ispizjar Dr. Mario Mifsud u l-laboratorju. Ghalkemm ir-rikorrenti inghatat terminu ghal darba darbtejn sabiex tivverifika u tiprezenta din il-prova fl-atti

odjerni hija baqghet ma ghamiltx dan. Ghalhekk ir-rikorrenti ma jirrizultax li ssodisfat din il-prova fl-atti odjerni.

**Ikkunsidrat ulterjoment:-**

Illi dwar l-eccezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita ghar-raguni li r-rikorrenti setghet tqajjem u ghadha fic-cans li tqajjem l-ilmenti taghha dwar l-akkreditazzjoni jew nuqqas taghha quddiem il-Qorti Kriminali w'ghalhekk isostnu li ma ezawrietx ir-rimedji kollha jirrizulta li effettivament sal-lum ir-rikorrenti ma resssqet l-ebda prova li hija dan il-punt b'xi mod qajmitu fil-proceduri kriminali. Minn naha l-ohra izda r-rikorrenti qed tallaccja dan l-ilment ma' allegat ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq, talba li hija kompetenza esklussiva ta' din il-Qorti u mhux tal-Qorti Kriminali u ghalhekk il-Qorti ghal din ir-raguni u minghajr pregudizzju ghall-mertu tal-ilment odjern ser tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Illi dwar l-eccezzjoni li l-*Council Framework decision* 2009/905/JHA kif implimentata permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.13 mhix applikabbli ghall-akkreditazzjoni tal-Labortaorju dwar sustanzi lleciti izda biss fuq a) profil tad-DNA u b) Data dattiloskopika jirrizulta lil din il-Qorti kif ukoll abilment notat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati li dan il-punt gie gia deciz diversi drabi mill-Qrati taghna.

F'dan l-istadju l-Qorti ser taghmel referenza ghas-sentenza recenti f'dan ir-rigward fl-ismijiet i**Il-Pulizija vs. Mario Buhagiar, Appell Kriminali 6/2014 EG, datata 26 ta' Gunju 2020:**

**'2. Dwar Direttivi rigward l-Akkreditament tal-Laboratorji Forensici:**

L-appellant jilmenta ukoll illi d-droga misjuba fil-pussess tieghu giet analizzata mill-ispizjar Mario Mifsud gewwa labarotarju li ma kienx wiehed akkreditat skont il-ligi u dan bi ksur tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Ewropa 2009/905/JHA tat-30 ta' Novembru 2009 kif tramandata fid-dritt nazzjonali permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31 intestat "l-Ordni dwar l-Akkreditament ta' Provdituri ta' Servizzi Forensiċi li Jwettqu Attivitajiet tal-Laboratorji." L-osservanza ta' din il-ligi, fil-fehma tieghu tigi zgurat billi l-forrnituri ta' servizzi forensici li jwettqu attivitajiet tallaboratorji jigu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bhala li jikkonformaw mal-ENISO/IEC 17025. Dan bil-ghan illi r-rizultati miksuba minn dawn il-laboratorji jigi rikonoxxut bhala xoghol kredibbli u attendibbli skond standards internazzjonali.

Jishaq illi gjaldarba l-analizi forensika li saret tas-sustanzi misjuba fil-pussess tieghu ma saritx mill-espert nominat mill-qorti gewwa labortaorju li ghandu din l-akkreditazzjoni, allura il-prova li trid issir mhijiex konformi mal-ligi u leziva tal-jedd fondamentali tieghu, ghalkemm ma jindikax f'liema sens tinsab din il-lezjoni. Illi jibda biex jinghad illi ghalkemm il-proceduri odjerni ilhom ghaddejjin sa mis-sena 2009 u ghalkemm ir-rapport imhejji mill-espert nominat mill-Inkwirenti l-ispizjar Mario Mifsud ilu pprezentat fl-atti sa mill-15 ta' Marzu 2010, l-appellant qatt ma ikkontestat il-konkluzjonijiet hemmhekk raggunti jew qanqal l-inammissibilita ta' din il-prova ghar-ragunijiet li llum qed jigu ventilati minnu f'din it-talba. Mhux biss izda lanqas ma jidher illi ressaq xi aggravju issa fi stadju ta' revizjoni sabiex jipprova jxejjen din il-prova. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi kwistjoni li tirrigwarda l-ammissibilita' o meno ta' prova ghandha tigi determinata mill-qorti li tkun qed tisma' l-kaz u certament ma taqax fil-manzjonijiet riposti bil-ligi f'idejn il-qrati kostituzzjonali. L-appellant ma jindikax f'liema sens qed jigi lez xi dritt tieghu kif sancit fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni ghar-raguni li tali prova mhijiex fil-fehma tieghu konformi mal-ligi. Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika

esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja talevidenza," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fittermini tal-dritt penali fir-rigward. Illi ghal dawn il-motivi anke din it-talba hija wahda vessatorja billi ma hemm l-ebda raguni skont il-ligi li fuqha hija imsejsa l-istess.

Għalhekk ghal motivi kollha hawn fuq migjuba it-talba tal-appellant sabiex il-lanjanzi ventilati minnu fir-rikors tal-14 ta' Jannar 2020 jigu riferuti lil Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha qed tigi michuda.'

Illi ghaldaqstant dawn din l-eccezzjoni l-Qorti odjerna, filwaqt li tiddikjara li taqbel ma' dak suespost, ma tqisx li hemm wisq x'izzid. Il-bazi legali tal-kaz odjern imqajjem mir-rikorrenti jirrizulta li hija wahda fallaci stante li ma japplika ghall-akreditazzjoni f'kaz ta' profil tad-DNA u Data dattiloskopika izda mhux analizi ta' sustanzi illeciti bhal ma hu l-kaz odjern. Ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti jippekka fil-bazi tieghu w ma jistax jigi milqugh.

Illi fi kwalunkwe kaz, fattwalment, jirrizulta li fis-sena li r-rikorrenti giet arresta w'akkuzata cioe' fis-sena 2004 u ghal bosta snin wara ma kienet tezisti l-ebda struttura, partikolarment xi struttura legali derivanti mill-Unjoni Ewropea li kienet tirrikjedi *ad validitatem* l-akreditazzjoni tal-laboratorju wzat u tal-espert nominat sabiex tkun tista' titressaq prova valida dwar sustanza illecita fil-konfront tar-rikorrenti. Jirrizulta li fl-atti, almenu minn dak li rat il-Qorti, il-prosekuzzjoni ressqet l-ahjar prova possibbli dak iz-zmien u cioe' analizi li saret f'Laboratorju Nazzjonali minn persuna debitament kwalifikata u esperta. Jirrizulta wkoll lill-Qorti li f'dan il-Laboratorju l-persuni inkarigati minnu kienu

jaraw li jzommu l-istandards anki internazzjonali applikabbli ta' dak iz-zmien u kienu jottjenu 's-samples' neccessarji ghall-analizi taghhom minn sorsi rikonoxxuti ghal dan il-ghan. Fir-rapporti taghhom, kif jidher mir-rapporti esebiti fl-atti, l-esperti jidhlu ferm fid-dettal dwar it-'trail of evidence' u wkoll dwar kif saret l-analizi in kwistjoni fuq is-sustanza koncernata.

Il-Qorti tqis li jekk ir-rikorrenti hija tal-opinjoni li l-prova suesposta, bl-accertamenti u kontrolli kif suesposti applikabbli dak iz-zmien, ma jlahhqux il-livella ta' prova rikjesta fil-proceduri kriminali, din ma tekwivalix ghal ksur tad-dritti fundamentali taghha ghal smiegh xieraq izda hija biss kwistjoni ta' analizi, applikabilita' u/jew skreditazzjoni ta' prova fl-atti kriminali. Ir-rikorrenti ghadha fiz-zmien, anki f'dan l-istadju stante li ghadu ma bediex il-guri kontra taghha u dejjem jekk ir-rikorrenti trid li tattakka l-validita' tal-prova, li taghmel dan fil-proceduri kriminali fil-konfront taghha izda mhux quddiem din il-Qorti. Li kieku ghal grazzja tal-argument rrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti gia pruvat tattakka l-validita' tal-prova fl-atti kriminali u b'xi mod ma thallietx taghmel dan allura dawn il-proceduri seta' jkun li jaslu ghal konkluzjoni diversa izda dan ma rrizultax. Illi dan iwassal ukoll lil din il-Qorti sabiex f'dan l-istadju taghti ragun ukoll l-eccezzjoni tal-intimati li se mai l-azzjoni tar-rikorrenti hija wkoll wahda intempestiva stante li l-proceduri kriminali ghadhom mhux mitmuma.

Illi finalment din il-Qorti, wara li gharblet u analizzat il-provi kollha fl-atti *vis a' vis* l-ilment tar-rikorrenti u l-eccezzjonijiet tal-intimati, tqis li r-rikorrenti ma rnexxiliex tiprova xi lezjoni tad-dritt taghha ghall-smiegh xieraq fit-termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni abbazi ta' dak espost minnha w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Decizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi dan l-ilment kostituzzjonali kif isegwi:

(i) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

(ii) Tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar l-inapplikabilita' għall-ilment tar-rikorrenti odjern tal-*Council Framework decision* 2009/905/JHA kif implimentata bil-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.13;

(iii) Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati dwar l-intempestivita' in vista' li l-proċeduri kriminali għadhom mhux konkluzi;

(iv) Tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn fuq deċiż

u

tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Marzu 2023**

**Cora Azzopardi**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Marzu 2023**